

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Novembru 2014

dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Franċiża li jikkonċerna l-applikazzjoni, f'dak li jirrigwarda l-kollektività ta' Saint-Barthélemy, tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq it-tfaddil u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa

(2014/793/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 115 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(b) u (8) it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 2013/671/UE tal-Kunsill ⁽¹⁾, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Franċiża li jikkonċerna l-applikazzjoni, f'dak li jirrigwarda l-kollektività ta' Saint-Barthélemy, tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq it-tfaddil u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") ġie ffirmat fis-17 ta' Frar 2014, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data ulterjuri.
- (2) Il-Ftehim għandu l-iskop li jggarantixxi li l-mekkaniżmi tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ⁽²⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE ⁽³⁾, li huma maħsuba b'mod partikolari biex jikkumbattu l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa trans-fruntiera, jibqgħu japplikaw għall-kollektività ta' Saint-Barthélemy, minkejja l-bidla fl-istatus tagħha.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Franċiża li jikkonċerna l-applikazzjoni, f'dak li jirrigwarda l-kollektività ta' Saint-Barthélemy, tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq it-tfaddil u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/671/UE tal-15 ta' Novembru 2013 dwar l-iffirmar tal-Ftehim, fisem l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Franċiża li jikkonċerna l-applikazzjoni, f'dak li jirrigwarda l-kollektività ta' Saint-Barthélemy, tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq it-tfaddil u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa (ĠU L 313, 22.11.2013, p. 1).

⁽²⁾ Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

⁽³⁾ Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imġax (ĠU L 157, 26.6.2003, p. 38); (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 09, Volum 001, p. 369).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika stipulata fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ⁽¹⁾.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

P. C. PADOAN

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.